MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Numru 344/2002

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D'ANASTASI
VS
ADRIAN BONELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Adrian Bonello, ta' 26 sena, bin il-mejjet Pul u Grace nee' Azzopardi, imwieled Mtarfa limit tar-Rabat (Malta) fid-9 ta' Novembru 1975 u residenti 17, Inguanez Street, Rabat (Malta), detentur tal-karta tal-identita' numru 492275M, akkuzat talli fl-24 ta' Frar 2002 f'Hal Qormi, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) u saret fuq vettura numru HAU 276 tal-marka Honda ghad-dannu ta' Lewis Conti.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel hsara lill-propjeta' ta' haddiehor u kellu fil-pussess tieghu arma regolari.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Louis Conti u 'l-Familja tieghu' u dan skond kif hemm mahsub fl-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-ammissjoni tal-imputat dwar l-ewwel akkuza tas-17 ta' Lulju 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ufficcjal Prosekutur Spettur Raymond d'Anastasi jirrizulta illi kienet sehhet glieda bejn zewg familja fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, fid-data, lok u hin citat fl-akkuza, u l-Ispettur Raymond d'Anastasi wara li nvestiga lill-imputat, gie nfurmat illi huwa kien ghamel zmien johrog ma' certu Crystal Conti u hassar minn maghha. Missierha Louis Conti wara xi zmien, cempel lill-imputat u beda joffendih b'missieru li huwa mejjet.

L-imputat hass ruhu offiz u ghaldaqstant mar id-dar ta' Louis Conti ghas-sodisfazzjon. Waqt li kien ghaddej bil-karozza u ghadda minn fejn joqoghdu l-familja Conti, Louis Conti hareg fil-gallarija u ghamillu gest oxxen, u

ghaldaqstant l-imputat nizel mill-karozza tieghu u nqala' argument.

Fil-karozza jidher li l-imputat kellu lil ommu u lil ohtu, u wara li spicca l-argument, l-imputat jghid li ra gebla gejja fid-direzzjoni tal-karozza tieghu, u ghaldaqstant, huwa nizel mill-karozza tieghu u qabad ikisser il-karozza ta' Conti li kienet Honda ta' kulur blu. Dan huwa kollu anness fl-istqarrija dokument RA3 a fol 7 tal-process, fejn l-imputat jghid li kisser:

'Naf li kissirt il-windscreens it-tnejn, iz-zewg bibien tan-naha tax-xufier u l-bonnet u l-mera. Dawn kissirthom billi qbizt fuq il-bonnet, il-hgieg kissirthom bl-istess gebla li waddbuli, u l-bibien b'saqajja.'

L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li ghamel hekk ghaliex meta ra l-hsara li kkagunat b'gebla fuq il-karozza tieghu, saq ghalih u mar ikisser taghhom. Gie esebit dokument RA4 a fol 13, li huwa 'survey report' li juri l-hsarat f'ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u disghin lira, u tnejn u tmenin centezmu (Lm1692.82). Giet ukoll esebita dokument M, cioe' okkorrenza tal-Pulizija.

A fol 15 tal-process, PC 1219, Charles Zammit, ikkonferma l-istqarrija dokument RA.

Mix-xhieda ta' PS 160 Mario Mifsud (ara fol 17 et seq), apparti x-xhieda dwar il-hsarat fuq il-karozzi, is-Surgent Mifsud xehed illi Louis Conti kien qallu li l-imputat kellu sikkina f'idejh. Pero' meta l-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-karozza u fuq il-persuna tal-imputat, ma sabu xejn.

Ghar-rigward il-mus, Louis Conti jghid hekk, a fol 23:

'Beda jheddidni, rajt mus daqshekk fil-bieba fejn ghandek il-pum, u xi hadd li kien fuq wara kellu jew kanna jew arma…'

Louis Conti xehed li l-imputat kien wasal id-dar tieghu, kien mar fuq il-karozza tieghu, qacctilha l-mera u beda jaghti bis-sieq fuqha, u beda jistiednu jinzel ghal glied.

Louis Conti xehed li l-mara tieghu tant twerwret, illi qabdet gebla u kienet se titfaghha ghal isfel.  Louis Conti xehed li huwa beza' li din il-gebla setghet tkorri serjament lill-imputat, u li ghalhekk hadielha minn idejha, u tefaghha lejn il-karozza ta' l-imputat.  Minn hawnhekk l-imputat telaq, saq ftit, mar u sab zewgt iknaten, gie bihom, u waddabhom ghal fuq il-windscreen ta' quddiem u ta' wara tal-karozza ta' Conti.

Louis Conti jinnega li l-incident kien bdieh hu l-ghaliex ghamel xi mossa oxxena b'idejh jew bit-tester li kellu f'idejh.

Joseph Buttigieg, a fol 29, ikkonferma s-survey report dokument RA4.

Susan Conti, a fol 31 tal-process, ikkonfermat ix-xhieda ta' zewgha, ikkonfermat kif Adrian Bonello, l-imputat, qabad ifarrak fil-karozza taghhom u li gie akkumpanjat minn ommu u ohtu li lkoll bdew jghajjru lit-tifla ta' Susan Conti bi kliem oxxen.  Ikkonfermat ukoll kif hija bdiet iccempel lill-Pulizija u kif iddecidiet li tmur iggib gebla minn gew biex forsi tbezzaghhom.

Susan Conti kkonfermat illi zewgha filfatt hadhielha minn idejha u kien hu li waddabha fuq il-karozza ta' Adrian Bonello, u li Bonello kien rvilla, qabad il-knaten u farrak iz-zewg windscreens tal-karozza taghhom.

Susan Conti ma ssemmi ebda sikkina jew strument bil-ponta jew jaqta' fix-xhieda taghha.

Spettur Raymond d'Anastasi, a fol 35, xehed li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja sabiex izomm arma b'xafra jew bil-ponta jew b'xi strument iehor.

Angela Borg, a fol 45 xehdet li hija toqghod Imdina Road, u fl-24 ta' Frar 2002 hija semghet hafna ghajjat u storbju, u hasbet li giet involuta l-vettura ta' huha Paul Borg, izda meta ndunat li l-vettura taghha ma ntmessitx ma tatx kaz. Angela Borg ma kinitx taf kif zvolga l-incident u min ghamel il-hsara.

L-imputat da parti tieghu, ammetta li ghamel il-hsarat fuq il-vettura ta’ Conti izda kien tal-opinjoni illi l-hsarat ma jeccedux it-tlett mitt Lira (Lm300).

Ix-xhieda a fol 66 tal-process, jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Raymond d’Anastasi, illi Louis Conti l-kwerelant, kien avvicinah u kien qallu li l-imputat Bonello kien hallsu kollox u li ma kellux aktar interess fil-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi ghar-rigward tal-ewwel akkuza, din il-Qorti in vista tal-ammissjoni tal-imputat mhijiex sejra tezaminaha fil-profond. L-istess pero’ ma jistax jinghad ghat-tieni u t-tielet akkuza. Dawn jirrigwardaw il-kwistjoni dwar l-involviment ta’ arma – cioe’ sikkina fil-glieda bejn il-familji. Dan qieghed jinghad il-ghaliex filwaqt illi l-Ufficcjal Prosekutur fix-xhieda tieghu (ara fol 9-12) ma jsemmi ebda nvolviment ta’ xi arma li taqta’ jew bil-ponta, u filwaqt illi f’dokument M, okkorrenza a fol 14 et seq, il-kwerelant jghid illi ra lill-imputat b’sikkina f’idejh, l-istess kwerelant Louis Conti fix-xhieda tieghu, a fol 23, jasserixxi illi l-mus rah fil-bieba tal-karozza (ara fol 23 l-ewwel paragrafu).

Di piu’, meta saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u fil-karozza tieghu, ebda sikkina ma nstabet mill-Pulizija. Apparti minn dan, la Susan Conti, (mart il-kwerelant), u lanqas Angela Borg, xhud indipendenti, ma xehdu illi kienet involuta xi sikkina f’dan l-incident.

In vista ta’ dan kollu, din il-Qorti ma tarax kif tista’ ragjonevolment issib htija fit-tieni u fit-tielet akkuza.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza fuq l-istess ammissjoni tieghu, mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza li minnhom qed tilliberah, u wara li rat Artiklu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 383 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, filwaqt li tqieghed lill-imputat taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena, b’obbligazzjoni li

m’ghandux ikellem, idejjaq jew jimmolesta lil Louis Conti jew lill-familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------